# LECTIO DIVINA

## Tlugħ il-Mulej fis-Sema

Sena B

## Mk 16:15-20

**Kuntest:**

L-aħħar kapitlu ta' San Mark hu mimli tensjoni, mibnija fuq l-opposti: dak li kien mejjet issa hu ħaj; il-ġebla tqila li ħadd m'għandu saħħa jħarrikha issa hi mneħħija minn postha; il-biża' hu msieħeb mill-istagħġib; id-dubju jakkumpanja l-fidi; id-dalma tal-qabar tinkiser mill-bjuda taż-żagħżugħ liebes l-abjad; id-dixxipli mbeżżgħa jitbiegħu mill-qabar imma Ġesù jiltaqa' magħhom fil-post fejn sejħilhom l-ewwel darba; dik li kienet mimlija xjaten hi l-ewwel li tiltaqa' ma' Kristu rxuxtat; is-skiet tal-biża' jintrebaħ mill-qlubija tax-xandir tal-Vanġelu.

Ir-rakkonti tad-dehriet m'għandhomx l-iskop li jagħtu prova tal-qawmien, imma li jirrakkuntaw l-esperjenza ta' dawk li ltaqgħu ma' Ġesù. Fuq din l-esperjenza tal-Imsallab irxuxtat tinbena l-missjoni tad-dixxipli. Bix-xhieda tagħhom fil-Galilija tal-Ġnus, oħrajn permezz tal-fidi għad jaraw huma wkoll lil Ġesù u jsiru dixxipli tiegħu. F'din l-istorja tad-dixxipli li jsiru missjunarji biex jagħmlu dixxipli oħra, il-Mulej ikompli jwettaq is-sinjali tiegħu sal-aħħar taż-żmien. Id-destin ta' kull dixxiplu hu li hu wkoll jitla' fis-smewwiet u joqgħod fuq il-lemin tal-Missier fl-aħħar taż-żmien.

Is-silta tagħna tiġbor flimkien fil-qosor id-dehra tal-Irxoxt lill-Ħdax, il-mandat missjunarju, it-tlugħ fis-sema ta' Kristu u l-bidu tal-ħidma missjunarja tal-Knisja. Minħabba l-istil, il-vokabularju u l-materjal, bosta studjużi huma tal-fehma li Mk 16:9-20 – għad li hi parti mill-Kanoni ispirat – ma tiffurmax parti mill-Vanġelu oriġinali, imma hi żieda posterjuri, forsi tal-bidu tat-tieni seklu. Minbarra din iż-żieda, f'xi manuskritti oħra nsibu konklużjonijiet differenti minn Mk 16:9-20. Waqt li xi wħud isostnu li ntilfet il-konklużjoni oriġinali ta' Mark, dawn isostnu li l-Vanġelu ta' Mk jien jagħlaq bil-vers 8 u jemmnu li l-għan ta' Marku seta' kien biex jenfasizza l-fatt li Dak li qam mill-mewt hu l-Imsallab, u li permezz tas-skiet u l-biża' tan-nisa l-Evanġelista ried jistieden lid-dixxipli ma jibnux il-fidi tagħhom fuq l-eżaltazzjoni ewforika tal-qawmien mirakluż iżda fuq il-kontemplazzjoni ta' Bin il-bniedem, l-Imsallab Ġesù ta' Nazaret. Din il-fehma tidher taqbel ma' dak li f'Mk jissejjaħ "is-sigriet messjaniku" – Kristu l-Messija divin li jinħeba fl-umanità dgħajfa tiegħu biex jikxef l-identita tiegħu fil-ġrajja tal-passjoni, il-mewt u l-qawmien. Id-dixxiplu hu msejjaħ jimxi wara Ġesù sa fuq is-Salib u mhux jintilef fil-poter u s-seħer tal-mirakoluż. Hu biss permezz tas-salib li d-dixxiplu jasal għall-esperjenza tal-qawmien. Fl-umiltà u d-dgħufija tad-dixxiplu li jixxiebah ma' Kristu dgħajjef, tidher taħdem il-qawwa ta' Kristu (ara 2 Kor 12:9).

**(14)Fl-aħħar (Ġesù) wera ruħu lill-Ħdax [stess waqt li kienu fuq il-mejda, u ċanfarhom talli kienu nieqsa mill-fidi u hekk rashom iebsa li ma emmnux lil dawk li kienu rawh wara li qam mill-mewt.]**

Id-dehra ta' Kristu lill-Ħdax tifforma *climax* fil-lista tad-dehriet paskwali. Dawn il-vrus insibu ħjiel tagħhom fil-Vanġeli l-oħra (ara Lq 24:36-49; Ġw 20:19-23; Mt 28:16-20). Fis-silta liturġika għandna nieqsa ċ-ċanfira ta' Ġesù lill-Ħdax, ċanfira kkawżata minħabba n-nuqqas ta' fidi tagħhom u minħabba r-ras iebsa li kellhom. F'kuntrast mas-Sinottiċi, Marku spiss ma jaħbix id-dgħufija tad-dixxipli ta' Ġesù. Din mhix l-ewwel darba li Ġesù "iċanfar" lil tiegħu, xi drabi b'ton iebes (ara Mk 8:33 – iċanfar lil Pietru; Lq 9:54-55 – iċanfar lil Ġakbu u Ġwanni; Ġw 6:67 – diskors ewkaristiku), drabi oħra bil-ħlewwa (Mk 14:43 | Lq 9:46-47 – il-ġlieda għall-poter fost l-Appostli; Mk 7:18 | Mt 15:6 – Appostli bla moħħ; Ġw 14:9 – ċanfira lil Filippu talli baqa' m'għarafx min hu tassew Ġesù).

Jalla ma nkunux minn dawk li jevitaw jew iwarrbu ċ-ċanfir! Anke jekk iċ-ċanfir ħadd ma jieħu gost bih (Salm 6:2; 38:2), il-Kotba Sapjenzjali fihom tagħlim utieq dwar il-ħtieġa li nħallu lill-Mulej iwiddibna (Prov 1:23; 3:11) u jżomma fit-triq tal-għerf, 'il bogħod mill-iżball (Prov 10:17; Sir 21:6), għax il-Mulej "iċanfar, iħarreġ u jgħallem" (Sir 18:3). Anke lil Timotju, responsabbli mill-komunità Nisranija ta' Efesu, San Pawl jeżortah biex max-xandir tal-kelma jagħraf iċanfar u jwiddeb fejn hemm bżonn, "bis-sabar kollu u bit-tagħlim" (2 Tim 4:2), għax min iħobb, iwiddeb (Prov 3:12) u "min jobgħod iċ-ċanfir hu bla moħħ" (Prov 12:1) u "iblah" (Prov 17:10). Kif jgħallimna l-awtur tal-ittra lil-Lhud, "Tassew li bħalissa kull twiddiba ma tferraħniex, imma tnikkitna; iżda mbagħad, lil dawk li jkunu tħarrġu biha, hija troddilhom il-frott ta' ħajja mimlija bis-sliem u l-ġustizzja" (12:11). Kemm fil-formazzjoni inizjali kif ukoll fil-formazzjoni permanenti, bħall-Qaddej sofferenti, ta' kuljum jeħtieġ inħalli lill-Mulej "iqajjimli widinti, biex nisma' bħal wieħed jitgħallem" (Is 50:4), sabiex ma nwebbisx rasi bħall-Appostli (Mk 16:14!) u ma nerġax lura mill-kelma li tajt (ara Is 50:5)!

> *To be joyful witnesses of the Gospel it is necessary to be authentic and consistent. […] it is in our life that others must first be able to read the Gospel! Here too, without fear, with our shortcomings which we try to correct, with our limitations which the Lord knows, but also with our generosity in letting him act through us. Faults, limitations and — I add a little more — with sins.... […] The saints and teachers of spiritual life tell us that to help us develop our life in authenticity, the daily practice of the examination of conscience is very useful; indeed, it is indispensable. What is happening in my soul? Hence be open, with the Lord and then with the confessor, with the spiritual director. This is so important! […]* (Francis, *Meeting with Seminarians and Novices. Address of the Holy Father.* 6 July 2013.)

**15u qalilhom: "Morru fid-dinja kollha, xandru l-Evanġelju lill-ħolqien kollu. 16Min jemmen u jitgħammed, isalva; iżda min ma jemminx, ikun ikkundannat.**

Id-dixxipli issa temmew il-mixja tal-"formazzjoni tagħhom" u se jiġu "ordnati" biex imorru fid-dinja kollha (ara Mk 13:14), biex bil-kelma u bis-sagramenti jdaħħlu lill-bnedmin f'komunjoni ma' Kristu. Il-ħidma tad-dixxipli għandha dimensjoni universali, mhux biss f'sens ġografiku, imma fuq kollox għax qalbhom hi mimlija mħabba għal Alla u għall-bnedmin. Il-kontenut tal-ħidma tagħhom hu l-Vanġelu, jiġifieri "l-Evanġelju ta' Ġesù Kristu l-Iben ta' Alla" (Mk 1:1). Il-kontenut tat-tħabbira mhux messaġġ, imma l-istess Ġesù: dak li hu, dak li qal u dak li għamel (ara Atti 1:1). Ġesù ħaj u rebbieħ fuq il-mewt u d-dnub hu "l-Evanġelju ta' Alla" (Mk 1:14), li jistedinna biex nindmu u nemmnu fih (Mk 1:15). Qabel inwasslu oħrajn għall-fidi, irridu nikkuraw il-fidi tagħna! Quddiem l-aħbar tal-qawmien ta' Ġesù, aħna niġu msejħa biex niddeċiedu ħajjitna favur Ġesù, biex nagħżlu bejn il-ħajja u l-mewt, bejn is-salvazzjoni u l-kundanna. Bħala dixxipli-missjunarji, irridu nġeddu ta' kuljum l-ewwel stqarrija tal-fidi tal-magħmudija tagħna, li permezz tagħha għażilna li nemmnu f'Ġesù.

**17U dawn huma s-sinjali li jsieħbu lil dawk li jemmnu: f'ismi jkeċċu x-xjaten, jitkellmu b'ilsna ġodda, 18jaqbdu s-sriep b'idejhom, u jekk jixorbu xi xorb li jġib il-mewt ma jagħmlilhomx ħsara; iqiegħdu idejhom fuq il-morda u dawn ifiqu".**

Is-"sinjali" (*sēmeion*) li jgħidilna bihom Marku, b'differenza mit-tifsira tas-"sinjali" fil-Vanġelu ta' Ġwanni, għandhom rabta mal-mirakli ta' Ġesù, u allura huma manifestazzjoni tal-preżenza ta' Ġesù fid-dixxipli tiegħu. Il-mirakli kellhom l-għan mhux tant li jikkonfermaw b'mod estern il-poter divin ta' Ġesù daqskemm li jkunu għodda tal-istess messaġġ tiegħu. Fil-ħidma ta' Ġesù u tal-ewwel dixxipli-missjunarji, il-kelma hi dejjem imsieħba mas-sinjali (Mt 4:23; 9:35; Lq 5:15; 6:18; At 1:1: 10:38). Il-kelma u s-sinjali flimkien huma manifestazzjoni tas-Saltna ta' Alla li tinsab fost il-bnedmin (Mt 12:28; Lq 10:9), għax Alla tagħna mhux biss jitkellem imma jagħmel: il-kelma tiegħu twettaq dak li jingħad (ara Ġen 1:3; Is 55:11). Il-kelma li nxandru ma tistax tkun kelma fl-arja, diżinkarnata mill-ħajja ta' min jisma', għax dik il-kelma trid tinżera' fil-ħajja tal-persuna.

Liema sinjali se jwettqu d-dixxipli llum? Hemm ħafna sinjali li juru t-tjieba ta' Alla u r-rebħa tiegħu fuq il-ħażen, f'kull manifestazzjoni tiegħu. Imma s-sinjali l-kbar li twettaq il-Knisja fil-ħidma salvifika tagħha huma Sagramenti, is-*sinjali effikaċi tal-grazzja ta' Kristu (KKK 1131; Verbum Domini,* 53).

Għal liema sinjali qed niġu msejħa aħna? Flimkien mas-sinjali sagramentali, li aħna rridu nitgħallmu mhux biss niċċelebraw tajjeb imma ngħixu sewwa, qabel naħsbu x'se nagħmlu għall-oħrajn irid ikollna l-kapaċità li naqraw is-sinjali ta' madwarna, li bihom Alla jkellimna, kif xtaq il-Konċilju Vatikan II (*GS* 4; ara Lq 12:56). Fost dawn is-sinjali ta' żminijietna, Papa Franġisku jistedinna nkunu sinjal tal-"bibien miftuħa" u tal-"għażla preferenzjali tal-foqra" (*GS* 46-47).

**19U hekk il-Mulej Ġesù, wara li kellimhom, kien imtella' fis-sema**

Bħal Lq 24:50, Mk iqiegħed it-tlugħ tal-Mulej fis-sema fl-istess jum ta' Għid il-qawmien. Mill-aspett teoloġiku, it-tlugħ fis-sema ta' Kristu (l-eżaltazzjoni tiegħu fuq il-lemin tal-Missier) hu ħaġa waħda mal-qawmien tiegħu mill-mewt. Ġesù qam mill-mewt għall-glorja, u hu deher lid-dixxipli tiegħu bħala rxuxtat u mimli glorja u setgħa (ara Mt 28:18; Lk 24:26). Ir-rabta intima bejn il-qawmien u t-tlugħ fis-sema nsibuha f'ħafna testi neotestmentarji (*The Jerome Biblical Commentary*, 78:159).

It-test tat-tlugħ fis-sema jsegwi r-rakkont tat-tlugħ fis-sema ta' Elija (2 Slat 2:11). Il-verb użat hu fil-passiv, biex juri li t-tlugħ fis-sema hu azzjoni tal-Missier. Il-verbi tal-passiv divin jgħallmuna u jistednuna biex attivament nintelqu f'idejn Alla biex il-grazzja tiegħu taħdem fina u tiffurmana.

> *The Lord has given the Holy Spirit upon the earth, and in whomsoever He dwells, that one feels paradise within himself. You might say: why hasn't this happened to me? Because you have not given yourself over to the will of God, but you live according to yourself. Look at the one who loves his own will. He never has peace in himself and is always displeased with something. But whoever has given himself over to God's will perfectly has pure prayer. His soul loves the Lord, and everything is acceptable and good to him.* (St. Silouan the Athonite, *Writings*, VI.14)

**u qagħad in-naħa tal-lemin ta' Alla.**

Ir-riferiment għal-"lemin tal-Missier" (*dextera Domini*) hu frekwenti ħafna fl-Iskrittura. Ħarsa ħafifa lejn is-Salmi turina kif "il-lemin ta' Alla" hu mimli simboliżmu ta' poter (Salm 89:3), ta' ħarsien (Salm 16:8; 63:8; 139:10), tal-preżenza ta' Alla (Salm 16:11; 48:10; 73:23), sinjal tal-qawwa salvifika ta' Alla (Salm 60:5; 108:6), ta' rebħa (Salm 18:35; 44:3), ta' rebħa fuq l-għedewwa ta' Alla(Salm 21:8; 74:11), tal-opri kbar tal-Mulej (Salm 45:4; 77:10). Kristu nnifsu jinsab fuq il-lemin ta' Alla (Lhud 1:13; Salm 110:1; Mt 22:44; Mk 12:13; Lq 20:42; eċċ) u jmexxi bis-setgħa (1 Piet 3:22; Ef 1:20-21); minn hemm hu jkompli l-ħidma tiegħu (Rum 8:34) u mil-lemin tal-Missier għad narawh jerġa' jiġi bil-glorja (Mt 26:24); il-ġusti wkoll għad ikunu fuq il-lemin tal-Missier biex jieħdu sehem fl-istess glorja ta' Kristu (Mt 25:32ss; Mt 20:20ss; Apok 1:20).

Għalina dan għandu jfisser qabelxejn li niġu aktar konxji li aħna qed nieħdu sehem fl-istess ħajja u fil-missjoni ta' Ġesù. Ifisser għalhekk li aħna nfittxu li nkunu f'dak li għandu x'jaqsam ma' Alla (Lhud 5:1; 2:17). Għalhekk San Pawl jeżortana: "Jekk intom irxuxtajtu ma' Kristu, fittxu l-ħwejjeġ tas-sema, fejn Kristu qiegħed fuq il-lemin ta' Alla. Aħsbu fil-ħwejjeġ tas-sema, mhux f'dawk tal-art. Għax intom mittu, imma ħajjitkom hi moħbija flimkien ma' Kristu f'Alla" (Kol 3:1-3).

Jekk Alla jinsab fuq il-lemin tagħna, ifisser ukoll li għandna nikbru fil-fiduċja f'Alla u fl-imħabba tiegħu għall-bnedmin. It-tbatija tad-dixxiplu mhix għalxejn (ara Gal 3:4): "Għalhekk, ħuti għeżież, żommu sħiħ, titħarrkux; ħabirku dejjem fil-ħidma tal-Mulej. Kunu afu li l-ħidma tagħkom fil-Mulej mhijiex għalxejn" (1 Kor 15:58), għax "Jekk Alla hu magħna min jista' jkun kontra tagħna? Hu, li anqas lil Ibnu stess ma ħafirha, imma tah għalina lkoll, kif ma jagħtiniex ukoll kollox miegħu?" (Rum 8:31-32). Peress li mhux dejjem naraw il-frott tal-ħidma pastorali tagħna, u spiss nesperjenzaw delużjonijiet ta' natura pastorali u tal-ħajja interjuri, irridu niftakru li l-ħidma li nwettqu mhijiex tagħna, għax aħna naħdmu f'isem il-Mulej: "Tibżgħux! Titwerwrux quddiem din il-kotra kollha, għaliex it-taqbida mhijiex tagħkom, imma ta' Alla" (2 Kron 20:15). Difatti, kif

iwissina l-Papa, waħda mit-tentazzjonijiet tal-operaturi pastorali hi l-pessimiżmu, il-qtiegħ il-qalb, li hu sintomatiku ta' persuna li tafda biss fiha nfisha (*EG* 85).

**[20]Huma mbagħad marru jippritkaw kullimkien; il-Mulej kien jaħdem magħhom u jwettaq il-kelma bil-mirakli li kienu jsiru magħha.**

Fil-linja tal-missjoni universali tal-Profeta Iżaija (Is 49:6), l-Appostli u d-dixxipli joħorġu minn Ġerusalemm u jixterdu mad-dinja kollha (Atti 13:47). Il-ħidma tad-dixxipli hi mmarkata bil-preżenza tal-Mulej. Anzi, hu l-Mulej li jaħdem permezz tagħhom: "Alla hu li jaħdem fikom u jġegħelkom tridu u tħabirku biex tagħmlu dak li jogħġob lilu" (Fil 2:13). Aħna qaddejja tiegħu li qed nagħmlu dak li aħna ordnati (Lq 17:10), "Għax aħna, għad li qegħdin ngħixu, ninsabu dejjem mogħtija għall-mewt minħabba f'Ġesù biex il-ħajja ta' Ġesù wkoll tkun tidher fil-ġisem tagħna li jmut" (2 Kor 4:11). Fina trid tgħammar it-tensjoni eskatoloġika bejn ix-xewqa li nintemmu u nkunu ma' Kristu (Fil 1:23), hekk li nkunu lesti ngħoddu kollox bħala knis biex nirbħu lil Kristu (Fil 3:8), mal-libertà li nagħtu lilna nfusna għas-salvazzjoni tal-erwieħ: "Għax għad li ma jiena marbut ma' ħadd, jien għamilt lili nnifsi lsir ta' kulħadd biex nirbaħ lil ħafna. Mal-Lhud, sirt Lhudi, biex nirbaħ il-Lhud; ma' dawk li huma taħt il-Liġi, qgħadt taħt il-Liġi - jien li m'iniex taħt il-Liġi - biex nirbaħ lil dawk li huma taħt il-Liġi. Bla Liġi ma' dawk li huma mingħajrha - mhux għax jien bla liġi ta' Alla, għax Kristu hu l-liġi tiegħi - biex nirbaħ lil dawk li huma barra l-Liġi. Sirt dgħajjef mad-dgħajfin, biex nirbaħ id-dgħajfin. Sirt kollox ma' kulħadd, biex insalva lil kulħadd" (1 Kor 9:20-22). (Ara *GS* 45)